ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 56 IT-TLIETA, 5 TA' MARZU 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu 2019, fis-6.30p.m.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**56/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 55**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 54 li nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019, Minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-kunsillier Renald Falzon ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 54 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 54 li nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019, Minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-kunsillier Marvin Zammit ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 55 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**56/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**56/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ikkomunika li ħareġ l-Abbozz ta' Liġi tal-Kunsilli Lokali fejn jidher li kien hemm tibdil fir-Reġjuni u jidher li Ħal Qormi se jibqa' jiffurma parti mir-Reġjun Nofsinhar.

**56/04/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** kkomunika li l-Kunsill Lokali ingħata s-somma ta' € 18,000 mir-Reġjun Nofsinhar sabiex isir proġett fil-lokalita'. Permezz ta' dawn il-fondi se jkunu qed isiru żewġ proġetti ta' nstallar ta' dwal fil-pjazzetta eżistenti fi Triq Dun Marju u fil-Pjazza tal-Monument ta' San Ġorġ fi Triq il-Ħelsien.

**56/04/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ikkomunika li s-Segretarju Eżekuttiv irċeviet ittra ta' riżenja minn waħda mill-impjegati tal-Kunsill, fejn ingħatat l-opportunita' ta' mpjieg ġdid ma entita' oħra. Is-Sindku rringrazzja lill-impjegata għas-servizz impekkabbli li tat lill-Kunsill Lokali matul it-18 il sena ħidma tagħha u talab lill-membri sabiex jagħtuha l-ispazju neċessarju sabiex tagħti *handover* kif xieraq u mistenni. Is-Sindku nfurma li se tkun qed tinħareġ sejħa, skont il-proċeduri, sabiex timtela' din il-vakanza.

**56/04/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa f'dawn ix-xhur li fadal sal-elezzjoni, mhux se jkun qed jippreżenta mozzjonijiet għal xogħol ġdid, għaliex fadal ħafna xogħol xi jsir, kif approvat f'Seduti preċedenti. Dan se jkun qed isir sabiex Kunsill ġdid isib il-proġetti approvati kollha magħluqin u jkun possibli li jaħdem f'serenita'.

**56/04/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li kif approvat, nhar il-Ġimgħa 26 t'April se jinżamm il-Programm Mużikali mill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri, fejn matul dan il-programm se jitfakkar il-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali. Għal dan il-għan, filwaqt li l-Għaqda Mużikali qed taħdem fuq il-programm mużikali, l-Kunsill se jkun qed jagħmel feature dwar il-25 sena tal-Kunsill Lokali u se jkun qed jagħti rikonoxximent lil dawk il-membri li servew bħala Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi matul is-snin.

**56/05** **Budget 2019**

**56/05/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv Karen Camilleri** poġġiet fuq il-mejda kopja ta' Budget 2019. .

Il-Kunsill approva unanimament il-Budget 2019.

**56/06 TENDERS**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda ir-Rapport ta' Evalwazzjoni għat-***Tender 'Footpaths and Pedestrian streets and other Ancillary Works'.***

Il-membri approvaw b'mod unanimu r-rakkomandazzjoni tal-board.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda ir-Rapport ta' Evalwazzjoni għat-tender '***Cleaning & Clearing of Non Urban Roads & Sites in an Environmentally Friendly Manner'***

Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li l-kuntrattur magħżul ma kienx qed jagħti servizz tajjeb lill-Kunsill u l-Kunsill kien waqqaf il-kuntratt.

Wara diskussjoni li saret bejn il-membri, l-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla.

**56/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2019.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ippropona l-approvazzjoni tal-Ħlasijiet.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**56/08 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**56/08/01** **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa jekk il-Kunsill ingħatax data meta se jinbeda x-xogħol fuq Triq l-Għargħar minn Infrastructure Malta. Is-Sindku nfurma li ma kellu l-ebda nformazzjoni.

**56/08/02** **Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona li l-Kunsill iressaq talba għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta sabiex issir is-service road fi Triq il-Mitħna li tmiss ma' Triq l-Għargħar.

**56/08/03** **Il-Kunsilier Ralph Puli** staqsa x'sar mill-Proġett ta' restawr fuq is-Salib tad-Dejma. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit qed jaħdem fuq ir-Restoration Method Statement.

**56/08/04** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li fi Triq il-Belt Valletta k/m Triq il-Mitħna għadu qed isir parkeġġ illegali minn bosta vetturi kbar, kull filgħodu.

**56/08/05** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li r-residenti ta' Triq San Franġisk għadhom qed ikollhom problemi bl-ilma tax-xita.

## 56/09 AĠĠORNAMENT

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn, 8 ta' April 2019, fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Jesmond Aquilina | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 8 ta' April 2019.**